**Minuti tal-Hamsa u Ħamsin-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2010 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Charles Said wasal fis-7:45 p.m.

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 54 [ew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Triq ta' Said.** Saret laqgħa mal-Perit Robert Grech dwar il-ħsara li hemm fi Triq ta' Said. Dan ir-rapport ma kienx ċar dwar ta' min hu t-tort tal-ħsara li hemm fit-triq. Il-Kunsill se jesplora l-possibbilitajiet dwar x'jista issir minħabba din it-triq, iżda l-Kunsilliera qablu li Gatt Tarmac m'għandux jitħallas il-balanċ pendenti fuq din it-triq qabel ma jkun hemm soluzzjoni ta' l-ilma tax-xita li qed tinżamm f'parti mit-triq.

4. **Triq Diċembru 13.** Il-Kunsill ġie infurmat mill-Water Services Corporation li hemm bżonnn li jinbiddel il-main tad-drenaġġ flimkien mas-servizzi kollha tad-drenaġġ. Dan ix-xogħol ma kienx ipporgrammat. Il-Contract Manager issuġġerixxa li x-xogħol fi Triq Dicembru 13 jieqaf u jitkompla wara l-Milied, iżda l-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment peress li wara l-Milied jkun hemm il-Karnival u t-triq trid tkun lesta sa dakinhar. Għalhekk il-Kuntrattur għandu jiġi nfurmat sabiex jkompli x-xogħol immedjatament.

5. **Klassi.** Fuq it-talba ta' Guża Sammut, il-Kunsill talab lis-surmast Joe Attard ta' l-iskola ta' l-arti sabiex jagħmel talba bil-miktub għall-użu ta' kamra tal-Kunsill min-naħa ta' l-iskola. Din it-talba ma waslitx.

6. **Transport Malta.** Kien preżenti Ruben Said mit-Transport Malta għal din il-parti tal-laqgħa. Ruben Said informa lill-Kunsill li nhar ta' Erbgħa meta jkun hemm is-suq fil-miftuh fin-Nadur qed ikun hemm problemi biex tgħaddi x-xarabank mill-pjazza. Qed ikun hemm konġestjoni kbira fit-Triq Diċembru 13, il-pjazza u Triq il-Knisja. Huwa nfurmat li mhux dejjem ikun hemm gwardjani lokali disponabbli f'dawn il-ġranet. Għalhekk ix-xarabank tal-linja mhux ser tgħaddi mill-pjazza nhar ta' Erbgħa filgħodu iżda x-xarabank ta' l-Iskola ser tkompli tgħaddi mill-Pjazza. Ruben Said offra li l-Kunsill juża uffiċċjali tal-Malta Transport minflok gwardjani lokali jew pulizija sabiex jedderiġi t-traffiku. Ruben Said staqsa għaliex għada ma saritx 's-speed hump" fi Triq Bingemma li ġiet

approvata mit-Transport Malta xi xhur ilu. Dan għaliex il-kuntrattur ma kellux materjal biex din issir. Din għandha ssir mill-aktar fiss possibbli. Ruben Said semma wkoll it-tabelli waqt li jkun issir xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq. It-toroq għandhom jiġu magħluqin b'Water Tanks u mdawwlin bil-lejl fejn ikun hemm trinek u perikli oħrajn. Fejn ikun hemm xogħlijiet għandu jkun hemm gwardjan lokali.

Ruben Said semma t-transport pubbliku fil-jiem tal-Karnival. Hu qal li l-Kunsill għandu jitlob s-suġġerimenti mingħand il-Gozo Bus Owners Association u Lenio Farrugia dwar kif jista' jinħadem it-trasport fl-iljieli tal-Karnival. Il-Kunsillera staqsew dwar żebra crossings ġodda. Ruben Said qal li hemm kundizzjonijiet ġodda dwar zebra crossings u għalhekk mhux jingħataw li jsiru żebra crossings ġodda jekk il-kundizzjonijiet ma jiġux kif suppost.

**7. Korrispondenza.**

(2772) Risposta għall-Memo 118
(2773) Memo 144/2010 Referenza għall-Memo 126/2010
(2774) Email mingħand Gatt Group of Companies dwar laqgħa
(2775) Email mingħand Renzo Curmi dwar it-tieni kisja ta' Triq San Blas
(2776) Email mingħand Kenneth Cauchi (MEPA) dwar restawr tas-Salib tal-Pjazza
(2777) Email mingħand Rene Savona Ventura (IPSL) dwar ħaddiema
(2778) Ittra mingħand Sammy Portelli f'isem l-Għaqda Armar Triq il-Knisja biex jieħdu sehem fil-Christmas Market
(2779) Ittra mill-MEPA dwar l-applikazzjoni ta' Skate Park
(2780) Memo 143/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2781) Memo 141/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2782) Memo 142/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2783) Memo 140/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2784) Memo 138/2010 Kuntratt Gdid dwar il-Provista tas-Servizzi tal-Gwardjani Lokali
(2785) Memo 139/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2786) Ittra mis-Superjur Anton Mercieca ta' ringrazzjament ta' l-għajuna tat-trasport tat-tfal

**8. Urban Improvement Fund.** Għandu jsir l-iffirmar tal-ftehim għall-fondi taħt l-iskema Urban Improvement Fund għall-pavimentar ġdid fl-isqaq fi Triq Dun Bernard Haber. Dan ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru. Ser jattendu s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**9. Community Chest Fund.** Il-Kunsill ser jagħmel ġabra għall-Community Chest Fund waqt l-attivita tal-Christmas Market. Kellha ssir ġabra waqt ir-Re-Enactment" nhar is-Sibt 19 ta' Novembru iżda ma kienx hemm ħafna spettaturi u għalhekk ma saritx.

**10. Triq San Blas.** Wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill il-Contract Manager ta' Triq San Blas, Renzo Curmi ġie informat sabiex jinforma lill-Kuntrattur Gatt Tarmac dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex issir it-tieni kisja tat-triq skond it-tender mogħtija lillu (tender 02/06-07). Renzo Curmi nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur talab li jsiru xi amendi dwar din l-istess tender peress li għaddew numru ta' snin. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandhu jinfurmah li r-rati u kundizzjonijiet għandhom jibqu' l-istess jekk hu ma jaċċetax li jaħdem skont dawn, il-Kunsill joħroġ tender ġdida.

**11. Playing Field tal-Ħali.** Reġa qed issir vandaliżmu fil-playing field tal-Hali, dan jikkonsisti fi ksur fil-globi tal-bozoz tad-dawl. Minħabba dan il-ksur id-dwal

mhux jixgħel. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill għandux inneħħi l-bożoż fuq in-naħa ta' barra (fi Triq Għajn Qasab) peress li fil-ġnien xorta jkun hemm dawl. Jonathan Buttigieg issuġġerixxa li jsiru "covers" li jgħattu l-globi li jkunu forma ta' "cone". Is-Segretarja għandha tkellem lill-kuntrattur dwar dan.

**12. Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill reġa ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied għat-toroq. Intefgħu tlett kwotazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Peter Azzopardi | €1000. |
| Michno Lighting | €1500 |
| D Illumination Ltd. | €2050 |

Peress li x-xogħol ta' resurfacing ser jibqa' għaddej fi Triq Diċembru 13 il-Kunsilliera qablu li tiżejjen Triq il-Knisja minflokha. Jonathan Buttigieg issuġġerixxa li din is-sena l-Kunsill iżejjien ukoll Triq ir-Rabat. B'hekk kif tidħol ġon-Nadur ikun hemm atmosfera tal-Milied. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Charles Said qal li hemm ventijiet f'din it-Triq fejn jista' jeħel it-tiżjin. Il-Kunsilliera qablu li jingħataw il-kwotazzjonijiet ta' Peter Azzopardi għal Triq il-Knisja u l-Pjazza u li tigi esplorata l-possibilita ta' tizjin għal Triq ir-Rabat u parti minn Triq it-Tramuntana (fejn il-bini tal-Kunsill) ma' Michno Lighting li ssottometta kwotazzjoni ta' tiżjin bl-istillel u b'hekk tkun tal-istess tema ta' Triq il-Knisja u l-Pjazza.

**13. Ħarġa għall-Anzjani.** Bħala parti mill-attivitajiet inkonnessjoni ma Jum il-Kunsill ser tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani. Ser issir ħarġa għal Malta organizzata mid-Day Centre ta' l-Anzjani nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru. Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa oħra l-ġimgħa dieħla sabiex ma tkunx fl-istess ġimgħa ta' l-ewwel ħarga. Il-ħarga ser tkun f'Għawdex.

**14. Laqħat tac-Charter.** Is-Sindku, Miriam Portelli informat lill-Kunsill dwar iż-żewġ laqgħat li attendiet f'dawn l-aħħar ġimgħattac-Charter. L-ewwel laqgħa nżammet f'Lasee u kienet dwar l-Anzjani. It-tieni laqgħa kien f'Brussels u kien celebrazzjoni tal Golden Star Ceremony fejn ic-Charter ħa l-premju għal aktar inizjattivi li nvolviet cittadini Ewropej.

**15. Ħinijiet ta' l-Uffiċċju**. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li l-iskrivana, Sue Ellen Bugeja ser isiefer għal tlett ġimgħat f'Diċembru u għalhekk l-uffiċċju tal-Kunsill ser jingħalaq fis-2:15 f'dawn il-ġranet peress li s-segretarja qegħda tidħol taħdem is-Sibt.

**16. Affarijiet oħra.** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li ż-żewġ bankijiet li ser jinbidlu ħdejn ic-Centru Parrokkjali jiswew madwar €280 kull wieħed. Il-Kunsilliera approvaw li dawn jinxtraw. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jixtri biljetti għall-play li ser titgħella mill-Każin tal-Banda u jingħataw żewġ biljetti lil "helpers" tal-Kunsill. Jonathan Buttigieg talab jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bankina fi Triq il-Qala fejn hemm il-ġandott ta' l-ilma. S'issa l-Kunsill għadu ma ħax risposta dwar din.

**17. Kontijiet.** Il-Kunsill approva l-ħlas tal-kont pendenti ta' Gatt Tarmac Ltd tal-latrina pubblika f' Daħlet Qorrot. Dan il-kont ġie prenżentat lill-Kunsill għall-ewwel darba fil-15 ta' Novembru 2010 bl-ammont ta' €6078.89. Il-Kunsilliera approvaw ukoll il-ħlas tat-taħmil fl-istess latrina bl-ammont ta' €1114.61. B'hekk il-ħlasijiet saru kollha fuq ix-xogħol f'din il-latrina. Gatt Tarmac Ltd. għandu pendenti ħlas fit-Triq ta' Said, liema triq għada mhux ic-certifikata għaliex iżżomm l-ilma tax-xita. Hemm ukoll pendenti xogħolijiet ta' patching li saru riċentiment iżda l-kuntrattur ma mexiex bir-rati kif kien miftiehem, peress li dak iż-żmien hu kien jagħmel xogħol ta' tarmac fin-Nadur.

Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9781 | Enemalta Corporation | still pending | |
| 9782 | Gatt Tarmac Ltd | 1500.00 | PPP works |
| 9783 | Department of Information | 9.32 | advert |
| 9784 | Gozo Channel Co. Ltd. | 21.95 | Jum il-Kunsill |
| 9785 | Malta Command WW2 Living | 700.00 | Performance |
| 9786 | Richard Cauchi | 2234.01 | street lighting |
| 9787 | Commissioner of Police | 298.49 | Wine Festival |
| 9788 | Joe Mifsud | 129.20 | Parks & Gardens |
| 9789 | Johanna Caruana | 380.00 | accoutancy – year end |
| 9790 | Rita Mifsud Attard | 30.00 | material for exhibition |
| 9791 | ARMS Ltd. | 578.36 | Jun-Nov Council premise |
| 9792 | Carmel Mifsud | 4313.52 | Belvedere Ghajn Qasab Street |
| 9793 | Gatt Tarmac Ltd. | 2600.11 | patching material |
| 9794 | GO plc | 255.73 | telephone & fax lines |
| 9795 | Joe Mifsud | 25.00 | Maltese goods |
| 9796 | P&J Debono Cons. Ltd. | 107.46 | cement works |
| 9797 | Guard & Warden Service | 43.56 | Open Market x2 |
| 9798 | Joseph Cauchi | 444.00 | Parks & gardens & public Con |
| 9799 | Peter Paul Said | 651.00 | hire of machinery |
| 9800 | Gerald Attard | 59.33 | Wine Fest |
| 9801 | Peter Paul Buttigieg | 74.00 | internet updating |
| 9802 | KIP Ghawdex Ltd. | 2411.65 | refuse collection |
| 9803 | David Azzopardi | 60.00 | Christmas Market 2009 |
| 9804 | Joseph Camilleri | 13.40 | parts |
| 9805 | Void | void | |
| 9806 | Gatt Tarmac Ltd. | 1114.61 | excavation works Dahlet Qorrot |
| 9807 | ARMS Ltd. | 130.00 | temporary meter |
| 9808 | Gatt Tarmac Ltd. | 6078.89 | public convenience construction |
| 9809 | Gozo Channel Co. Ltd | 254.80 | tickets for car show |
| 9810 | Miriam Portelli | 344.33 | November allowance |
| 9811 | Rita Mifsud Attard | 1428.37 | November salary |
| 9812 | Sue Ellen Bugeja | 976.86 | November salary |
| 9813 | Saviour Xiberras | 909.46 | November salary |
| 9814 | CIR | 1338.28 | November |

TOTAL ..........................................€29515.69

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru fis-7:30 p.m.